**28 ta' April, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Lucia *sive* Lucy Mamo

*versus*

Anthony *sive* Tony Mamo *et*

## Divorzju minn Qorti Estera - Notifika - Domiċilju

*Biex l-awtorità estera jkollha notifika regolari taċ-ċitazzjoni trid tkun uniformat ruħha mal-liġi viġenti fil-pajjiż fejn dik in-notifika għandha tiġi esegwita.*

*It-tibdil tad-domiċilju għandu jkun approvat minn min jinvokah. Mhux biżżejjed tibdil tar-residenza iżda hija meħtieġa ukoll il-volontà u l-intenzjoni li jiġi abbandunat id-domiċilju.*

Il-Qorti:-

L-attriċi aġixxiet b'dan l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għad-dikjarazzjoni li d-digriet ta' divorzju li l-konvenut ottjena minn Qorti Svizzera ma kienx konformi la mal-liġi Svizzera u aktar u aktar ma' dik Maltija u għalhekk ma setax jiġi rreġistrat f'Malta mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet illi hija u l-konvenut Anthony Mamo żżewġu fil-ħdax (11) ta' Marzu, 1984 skond l-Att taż-Żwieġ, numru progressiv 307/84 (dok. A);

U premess illi l-konvenut Anthony Mamo ottjena digriet ta' divorzju mill-Qorti Distrettwali ta' Beulach, Zurich, l-Isvizzera, liema digriet ġie rreġistrat f'Malta mill-konvenut l-ieħor Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-24 ta' Ġunju, 1991;

U premess illi dan id-digriet ta' divorzju ma setax jiġi rreġistrat f'Malta minħabba illi fl-otteniment tiegħu l-proċedura ma ġietx segwita, jew ġiet segwita b'mod illi l-attriċi qatt ma kellha ċans tiddefendi ruħha u għadha sal-lum ma tafx fuq liema raġunijiet ingħata dan id-divorzju;

U premess illi dan id-digriet ta' divorzju huwa null ukoll stante illi l-otteniment tiegħu kien prekluż mill-artikolu 148 tal-Kodiċi Ċivili ta' l-Isvizzera fejn ingħata, bħalma jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

U premess illi inoltre l-istess digriet ta' divorzju ma setax jiġi insinwat f'Malta anke peress illi ħadd mill-partijiet involuti ma kien domiċiljat fl-Isvizzera u b'hekk id-disposizzjoni ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar iż-Żwieġ 1975 mhix sodisfatta;

L-attriċi talbet li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi illi d-digriet ta' divorzju illi l-konvenut Anthony Mamo ottjena mill-Qorti distrettwali ta' Beulach, l-Isvizzera, ma kienx konformi la mal-liġi Svizzera u aktar u aktar ma' dik Maltija;

Tiddikjara u tiddeċidi illi għar-raġunijiet fuq premessi l-istess digriet ma setax jiġi rreġistrat f'Malta mill-konvenut l-ieħor direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Konsegwentement tordna l-kanċellament opportun tan-nota marġinali fl-Att taż-Żwieġ tal-kontendenti konjuġi Mamo numru progressiv 307/84;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Il-konvenut Mamo hekk eċċepixxa:

Preliminarjament din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tindaga dwar il-legalità ossia ritwalità ta' proċeduri ta' Qorti estera;

Illi l-Att taż-Żwieġ 1975 ma jimponix indaġni dwar il-proċeduri *esteri għall-finijiet ta' reġistrazzjoni ta' divorzju* konċess minn tribunal esteru, iżda biss li dak it-tribunal kien dak kompetenti sabiex jingħata dak id-divorzju;

Illi l-esponent kien in fatti domiċiljat l-Isvizzera meta ottjena d-divorzju in kwistjoni u għalhekk kien intitolat li jottjeni r-reġistrazzjoni tad-divorzju f'Malta;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku hekk eċċepixxa:

Illi huwa mhux edott mill-fatti kollha li taw lok għall-kawża odjerna;

Bla preġudizzju, illi r-reġistrazzjoni ta' l-24 ta' Ġunju, 1991, saret mill-esponent skond il-liġi wara talba f'dan is-sens mill-konvenut l-ieħor Anthony *sive* Tony Mamo;

Fi kwalunkwe każ l-esponent jirrimetti ruħu għall-provi skond il-liġi;

Illi huwa m'għandux ibati spejjeż;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

B'sentenza tad-19 ta' Frar, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet dwar l-ewwel talba attriċi billi ddikjarat li għalkemm id-deċiżjoni ngħatat minn Qorti kompetenti, dan id-digriet ta' divorzju li l-konvenut Anthony Mamo ottjena mill-Isvizzera ma jistax jiġi reġistrat f'Malta għar-raġunijiet imsemmija fl-istess sentenza u konsegwentement ordnat il-kanċellament opportun tan-nota marġinali fl-Att taż-Żwieġ tal-kontendenti konjuġi Mamo, li jġib in-numru progressiv 307/84 bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut Anthony Mamo;

Utili li jiġu riprodotti l-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kif ukoll l-elenku tal-provi prodotti quddiemha, u b'mod partikolari l-elenku tad-dati rilevanti għad-determinazzjoni tal-meritu. Dan għaliex b'hekk tiġi ferm faċilitata l-konsiderazzjoni ta' l-aggravju ta' l-appellant minn din il-Qorti u tiġi evitata ripetizzjoni bla bżonn

ta' fatti ppruvati li ma jidhirx li huma f'dan l-istadju kkontestati:

"L-attriċi xehdet li żewġha kien jaħdem ma' l-Air Malta. Kien ġie *posted* il-Ġermanja u kellhom idumu f'dan il-pajjiż tliet snin. Kien talab *transfer* għall-Isvizzera minħabba nkwiet fuq ix-xogħol. Wara li twieldet it-tarbija kienet telgħet Zurich mar-raġel. Huma kienu jinżlu spiss Malta u kellhom post Ħaż Żabbar. Fl-aħħar ta' Jannar, 1988 kienet niżlet Malta għal kollox imbagħad isseparat minn mar-raġel. Żewġha baqa' l-Isvizzera għalkemm kien jinżel Malta spiss. F'Novembru 1988 żewġha kien ġie msejjaħ lura Malta mill-Air Malta, iża hu rriżenja biex ikompli jaħdem l-Isvizzera. Issa ilu dawn l-aħħar sentejn joqgħod Malta;

Meta kien il-Ġermanja u l-Isvizzera, l-intenzjoni tagħhom qatt ma kienet li jagħmlu d-domiċilju tagħhom hemm. Żewġha kien hemm biss fuq xogħol u kien jaf li minn mument għall-ieħor il-kumpannija setgħet issejjaħlu lura;

Fis-sebgħa (7) ta' Lulju, 1990 hija kienet irċeviet ittra uffiċjali mill-Avukat Ġenerali li magħha kellha dokument maħruġ mill-Qorti ta' Beulach, fl-Isvizzera li kien jindika li hija kellha tidher quddiem dik il-Qorti fid-dsatax (19) ta' April, 1990 u ċjoè tliet xhur qabel ma rċeviet l-istess ittra, dok. B, fol. 7;

Fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April, 1991, saret taf li fit-tlettax (13) ta' Diċembru, 1990 (ċjoè erba' xhur qabel) kien ingħata digriet ta' divorzju bejnha u bejn żewġha minn dik il-Qorti (dok. C a fol. 11);

Bl-ittra tat-tletin (30) ta' April, 1991, hi talbet il-versjoni sħiħa tad-digriet u r-raġunijiet tad-divorzju u rriservat id-dritt

tagħha li tappella (dok. D a fol. 20) u dana minħabba l-klawsola 11 tad-dok. C (ara fol. 17);

Iżda mbagħad saret taf li l-konvenut l-ieħor, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kien irreġistra d-digriet tad-divorzju fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju, 1991 fuq talba tal-konvenut (dok. A, nota marġinali fol. 6/7);

Meta fl-1993 skopriet li żewġha kien bi ħsiebu jerġa' jiżżewweġ hi għamlet protest u talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra żewġha biex ma jerġax jiżżewweġ;

In kontro-eżami qalet li kienu ilhom sentejn u nofs msiefrin qabel ġiet lura Malta. Billi ż-żwieġ kien qed jitfarrak, hi kienet insistiet ma' żewġha li biex jirranġaw irid jiġi joqgħod Malta, iżda żewġha rrifjuta. Żewġha issa ilu Malta minn 1992;

Paul Bilocca xehed li saret talba fis-sbatax (17) ta' Ġunju, 1991 biex jiġi rreġistrat id-divorzju. Imbagħad fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju, 1993 il-konvenut talab biex isiru t-tnedijiet għaż-żwieġ ma' Leslie Drury u t-tnedijiet ġew ippubblikati fid-dsatax (19) ta' Lulju, 1993. Imbagħad sar protest u mandat ta' inibizzjoni biex iż-żwieġ ma jsirx;

Il-konvenut ikkonferma ħafna mill-fatti kif esposti minn martu;

Huwa kien issepara minn martu fl-1988. Bejn Marzu u Awissu kien ipprova jirranġa ma' martu, imma meta ma rnexxilux applika għad-divorzju fl-Isvizzera. Għamel l-applikazzjoni f'Awissu 1988. L-ewwel talba tiegħu ġiet miċħuda fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru, 1988 (fol. 48 sa 55). Hu kien irriżenja mill-Air Malta meta riedu jġibuh Malta u dana qabel ingħata d-digriet;

Imbagħad għamel rikors ieħor u t-talba tiegħu intlaqgħet. It-talba tiegħu intlaqgħet fit-tlettax (13) ta' Diċembru, 1990. F'dan iż-żmien kien jiġi Malta jara l-familja. F'Lulju 1991 kien ġab avviż fil-gazzetti għall-impjieg (ara dok. 104). Hu kien għamel hekk biex jara x'opportunitajiet kellu. Illum huwa impjegat ma' l-Easysell. Ilu hekk sentejn. Hu ġie lura Malta fl-1992. Imbagħad kien beda proċeduri biex jiżżewweġ Maltija. L-intenzjoni tiegħu kienet li jaħdem l-Isvizzera;

Fl-affidavit tiegħu l-konvenut spjega dettaljatament, bid-dati u bid-dokumenti, kif ġraw l-affarijiet;

Hu importanti li f'dan il-każ isir riepilogu tad-dati ta' kif ġraw l-affarijiet;

Il-konvenut (u martu) kien *posted* barra minn Malta mill-1985 sa l-1988; ġo Frankfurt minn Ġunju 1985 sa Novembru 1986 u Zurich minn Novembru 1986 sa Jannar 1986;

Kienet saret separazzjoni bonarja bejn il-kontendenti f'Malta fl-erbgħa (4) ta' Marzu, 1988;

Fil-ħmistax (15) ta' Awissu, 1988 il-konvenut applika għad-divorzju fl-Isvizzera;

Fl-ewwel (1) ta' Settembru, 1988 ġab passaport Svizzeru;

Fit-tlettax (13) ta' Ottubru, 1988 irriżenja mill-Air Malta;

Fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru, 1988 it-talba għad-divorzju ġiet miċħuda;

Fl-għaxra (10) ta' Jannar, 1989 il-konvenut għamel rikors

ieħor fil-Qorti Superjuri;

Fl-ewwel (1) ta' Marzu, 1989 beda jaħdem ma' Amigo Reisen;

Fis-sbatax (17) ta' April, 1989 l-attriċi rċeviet kopja tad-deċiżjoni ta' Novembru, 1988;

Fit-tnax (12) ta' Jannar, 1990 l-Avukat tal-konvenut bagħat ittra lill-attriċi biex jinfurmaha dwar it-talba tal-konvenut għad-divorzju, liema ittra kienet *unclaimed* fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar, 1990;

Fis-sebgħa (7) ta' Lulju, 1990 l-attriċi tirċevi ittra uffiċjali li tinfurmaha li kellha tidher fid-dsatax (19) ta' April, 1990 il-Qorti ta' l-Isvizzera;

Fit-tlettax (13) ta' Diċembru, 1990 il-Qorti ta' l-Isvizzera tat id-divorzju lill-konvenut;

fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April, 1991 l-attriċi tirċevi ittra uffiċjali li tinfurmaha bid-deċiżjoni tat-tlettax (13) ta' Diċembru, 1990;

Fit-tletin (30) ta' April, 1991 l-attriċi kitbet (b'*courier*) lill-Qorti ta' l-Isvizzera fejn talbet "*full version of decree including the reasons for the divorce*" u tat *notice* li trid tappella;

Fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju, 1991 id-divorzju ġie reġistrat Malta;

Fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju, 1991 il-konvenut

applika għal xogħol Malta għax ried jiġi lura;

Fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar, 1992 il-konvenut spiċċa bla xogħol fl-Isvizzera;

F'April 1992 il-konvenut ġie lura Malta u f'Mejju impjega ruħu Malta;

F'Mejju 1993 joħorġu l-bandi biex il-konvenut jerġa' jiżżewweġ u f'Awissu l-attriċi tagħmel protest u toħroġ mandat ta' inibizzjoni biex ma jsirx iż-żwieġ;

Skond l-artikolu 21 ta' l-Att dwar iż-Żwieġ, Kap. 255:

Deċiżjoni ta' qorti barranija dwar l-istat ta' persuna miżżewġa jew li tolqot dak l-istat għandha tkun rikonoxxuta għall-finijiet kollha ta' liġi f'Malta jekk id-deċiżjoni tingħata minn **Qorti kompetenti tal-pajjiż** li fih xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti tkun **domiċiljata** jew li tiegħu xi waħda minn dawk il-partijiet tkun **ċittadin**;

Il-konvenut qed jissottometti li:

Dina l-Qorti ma tistax tissindika l-operat tal-Qorti ta' l-Isvizzera u tar-Reġistratur taż-Żwiġijiet;

Hu r-reġistratur li jrid jara li l-konvenut kien domiċiljat l-Isvizzera u li s-sentenza ngħatat minn Qorti kompetenti. Il-Qorti tista' tissindika biss fuq prinċipji ta' ġustizzja naturali;

L-attriċi min-naħa l-oħra qed tissottometti li l-Qorti trid teżamina:

Jekk il-konvenut kienx domiċiljat fl-Isvizzera meta ottjena d-divorzju;

Jekk l-attriċi ġietx notifikata bl-atti kollha biex tiddefendi ruħha;

Dwar il-kwistjoni jekk l-attriċi kinitx ġiet notifikata bl-atti kollha biex tiddefendi ruħha jirriżulta mill-provi li hija kienet ġiet notifikata bid-deċiżjoni ta' l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru, 1988 fis-sbatax (17) ta' April, 1989 mingħajr ma kienet dehret biex tikkontesta. Dwar it-tieni deċiżjoni hija kienet ġiet infurmata fis-sebgħa (7) ta' Lulju, 1990 biex tidher l-Isvizzera fid-dsatax (19) ta' April, 1990 ċjoè tliet xhur qabel. Imbagħad ġiet infurmata bid-deċiżjoni tat-tlettax (13) ta' Diċembru, 1990 li d-divorzju kien ingħata fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April, 1991. Meta fit-tletin (30) ta' April, 1991 l-attriċi talbet għall-kopja tad-deċiżjoni biex tkun tista' tappella, wara saret taf li fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju, 1991, il-konvenut kien irreġistra d-divorzju hawn Malta;

Il-konvenut fl-affidavit tiegħu semma' li l-ittra li kien bagħat l-avukat tiegħu lill-attriċi kienet *unclaimed*, u għalkemm l-attriċi ngħatat żmien biex tikkontesta hija m'għamlet xejn;

Jirriżulta però li meta l-attriċi rċeviet l-atti kien tard wisq u l-attriċi ma kinitx notifikata kif suppost biex tkun f'posizzjoni li tiddefendi ruħha. Kif kellhom okkażjoni jiddeċidu l-Qrati tagħna: "Biex awtorità estera jkollha notifika regolari taċ-ċitazzjoni, trid tkun uniformat ruħha mal-liġi viġenti fil-pajjiż fejn dik in-notifika għandha tiġi esegwita. Vol. 36D, pt. 3, p. 680 **Camilleri *vs* Mizzi**, 25/11/52;

Skond l-artikolu 826 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, sentenzi mogħtija minn Qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn

Malta, jistgħu jiġu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta jekk jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 827;

Il-ħsieb tal-Qorti ta' l-Appell (Kum.) dwar dan l-artikolu ġie espress fil-kawża fl-ismijiet **Dr. A. Grech** *noe vs* **C. Spiteri** tad-disgħa (9) ta' Mejju, 1994 fejn il-Qorti spjegat li l-leġislatur Malti jagħti mportanza skond l-istess artikolu 825, lis-sentenzi mogħtija mill-Qrati kompetenti esteri, iżda billi l-esekuzzjoni ta' sentenzi ta' pajjiżi barranin tnaqqas mis-sovranità tiegħu, għalhekk ma ħalliex il-prinċipji ordinarji tal-liġi jmexxu din il-materja, iżda lleġisla b'mod speċifiku fl-artikolu 827 biex it-tnaqqir mis-sovranità tiegħu għandu kemm jista' jkun, ikun ristrett. Hekk, jekk hemm raġuni għaliex skond l-artikolu 811 is-sentenza setgħet tiġi ritrattata, allura dik is-sentenza tal-Qrati ta' barra m'għandhiex tiġi esegwita hawn Malta. Hekk ukoll jekk il:

Qrati tagħna skond l-artikolu 742 huma kompetenti;

Il-kunċett ta' l-artikolu 827 jidher li huwa mmirat għal dak li jista' jsir fil-Qrati Maltin u mhux fil-Qrati esteri, u jindika bl-iktar mod ċar li l-leġislatur ried ikun assikurat li sentenza ta' Qrati kompetenti ta' barra biex tiġi esegwita hawn Malta, trid mhux biss ma tmurx kontra l-ordni pubbliku ta' pajjiżna, imma trid almenu jkollha dawk l-elementi essenzjali li jirrendu s-sentenza ekwa u ġusta skond l-artikoli tal-proċedura tagħna;

In vista ta' dana kollu l-Qorti fuq il-provi li hemm dwar *dana l-punt tikkonkludi li l-attriċi ma kinitx ġiet notifikata* regolarment bl-atti, biex tkun tista' tiddefendi ruħha fil-proċeduri esteri;

Dwar il-kwistjoni l-oħra tad-domiċilju, il-Qorti l-ewwel

trid tara min hu kompetenti *jiddeċidi* fuq dina *l*-materja, ċjoè jekk hix il-Qorti ta' barra, f'dana l-każ il-Qorti ta' l-Isvizzera jew inkella l-Qorti ta' Malta;

Skond id-dibattiti parlamentari meta kien qed jiġi diskuss l-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975 partikolarment l-artikolu 21, il-Ministru li kien qed jippilota dana l-Att kien ikkonferma li persuna li tottjeni divorzju barra minn Malta trid tkun domiċiljata hemmhekk skond kif naħsbu aħna, skond il-kriterji tagħna jrid ikun domiċiljat. F'seduta oħra intqal il-Ministru Joseph Cassar li: Issa dan ifisser mhux domiċilju kif jifmuh qrati oħra, fejn aħna se nirrikonoxxu s-sentenza tagħhom, imma kif nifhmuh aħna. Kif nifmuh aħna, jiġifieri l-Qrati tagħna (ara skeda annessa ma' dina s-sentenza tas-seduti 440 u 443 tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju u t-tletin (30) ta' Lulju, 1975);

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li hija l-Qorti ta' Malta li hi kompetenti li tiddeċidi jekk il-konvenut kienx domiċiljat jew le l-Isvizzera meta applika għad-divorzju u dana ai fini tar-reġistrazzjoni tad-divorzju f'Malta. Il-Qorti mhux qed tgħid li l-konvenut ma ġabx divorzju, imma li dan mhux reġistrabbli Malta;

Il-Qrati tagħna, għal dak li jirrigwarda d-dritt internazzjonali privat, dejjem sostnew li d-dritt internazzjonali privat, kif interpretat fl-Ingilterra, għandu jkun dak id-dritt li japplika għall-pajjiżna. F'materja ta' domiċilju, dawn il-prinċipji bażilari ġew segwiti:

"Biex jingħad li persuna biddlet id-domiċilju tagħha ta' oriġini mhuwiex biżżejjed li dik il-persuna tkun marret toqgħod għal żmien twil ġewwa pajjiż ieħor, imma l-kambjament ta' domiċilju jrid jirriżulta minn provi preċiżi u konkludenti **li hija ma kellhiex l-intenzjoni** tirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tagħha";

(App. Ċivili **Dimech** *vs* **Dimech**, Vol. 26 pt. 1, p. 1 u awtoritajiet hemm ċitati);

Il-kambjament tad-domiċilju jiddependi mill-konkors tażżewġ elementi ta' ***factum et animus***, ċjoè mill-**fatt** li wieħed jistabbilixxi ruħu f'pajjiż divers minn dak ta' oriġini tiegħu, kombinat ma' l-**intenzjoni** li jistabbilixxi ruħu hemm permanentement;

*Il*-presunzjoni hija favur il-kontinwazzjoni tad-domiċilju ta' oriġini u l-*onus probandi* a rigward ta' tibdil ta' dan id-domiċilju jaqa' fuq min jallega t-tibdil (Cheshire's Private International Law);

Ir-residenza hi biss element wieħed tad-domiċilju in kwantu li jrid ikun hemm l-element l-ieħor dak ta' l-intenzjoni - l-*animus* - li wieħed jirrisjedi permanentement għal żmien illimitat f'pajjiż partikolari;

Fil-każ in eżami, mill-provi prodotti u mid-dokumenti esebiti l-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-konvenut irnexxilu jipprova li hu kien abbanduna d-domiċilju ta' l-oriġini tiegħu favur id-domiċilju ta' l-Isvizzera biex jgħix permanentement hemm;

Skond l-attriċi sakemm hija damet miżżewġa lill-konvenut u ċjoè sa Marzu 1988 **huma** qatt ma għamlu l-intenzjoni li jabbandonaw id-domiċilju ta' l-oriġini. Huma kellhom il-familjari u d-dar tagħhom f'Malta u kienu jinżlu spiss Malta. Hu diffiċli li wieħed jimmaġina kif sa Marzu 1988 l-attriċi setgħet kellha domiċilju wieħed u l-konvenut kellu domiċilju ieħor;

Jidher li hekk sar xi bdil fil-ħsieb u l-intenzjoni tal-konvenut kien bejn Marzu u Awissu 1988 wara li ssepara u

applika għad-divorzju fl-Isvizzera;

Il-konvenut kien *posted* barra minn Malta u meta riedu l-Air Malta setgħu jsejħulu lura, kif fil-fatt għamlu. F'każijiet bħal dawn, kif jgħidu l-awturi Cheshire u North, Private International Law, 11th Edition, "*the inference to be drawn from the cause of the residence is that it is not intended to be permanent. In such cases the existing domicile is retained unless there are* ***additional circumstances*** *from which a contrary intention can be collected*";

Il-konvenut ma kienx l-Isvizzera volontarjament imma kien impjegat ma' l-Air Malta. F'Awissu 1988 meta applika għad-divorzju, hu kien għadu jaħdem ma' l-Air Malta. L-ewwel talba tiegħu kienet ġiet miċħuda u fost raġunijiet li semma' l-konvenut hemm li meta ppreżenta t-talba hu kien għadu mpjegat ma' l-Air Malta. Meta l-Air Malta qalulu biex jirritorna Malta, hu rriżenja;

Il-konvenut għamel referenza għall-fatt li hu kellu passaport Svizzeru fejn hemm indikat li r-residenza tiegħu kienet l-Isvizzera. Skond l-imsemmija awturi (*op cit* paġna 624); "*The time at which domicile is to be determined is the time when proceedings are commenced, not at the later time when the case is tried*". Issa apparti li r-residenza hija waħda biss mill-elementi li jikkostitwixxu domiċilju, jirriżulta li l-passaport inħareġ f'Settembru wara li l-konvenut kien applika għad-divorzju f'Awissu;

Anke l-applikazzjonijiet u dokumenti l-oħra esebiti ma' l-affidavit tal-konvenut u t-tibdil li hu għamel ġew ottenuti u huma ntiżi biex jikkonfermaw stat ta' fatt li sar wara l-applikazzjoni tal-konvenut għad-divorzju u mhux konferma ta' intenzjoni li suppost kienet teżisti qabel applika għad-divorzju.

Per eżempju l-konvenut fi Frar 1989 waqaf li jħallas il-kontribuzzjonijiet tan-*National Insurance* f'Malta;

Għalkemm il-konvenut ġab bħala raġuni għal bdil tad-domiċilju l-intenzjoni tiegħu li jaħdem l-Isvizzera, mill-provi iżda jirriżulta li waqt li kien jaħdem hemm kien applika għal *job* f'Malta għax ried jiġi lura Malta minħabba *family reasons* (fol. 105);

Dan ma tantx jindika li l-konvenut kellu l-intenzjoni li jistabbilixxi ruħu permanentement barra minn Malta. Kif jgħid l-awturi fuq imsemmija: "*More reliance is placed upon conduct than upon declarations of intention, especially if they are oral*" (*op cit* p. 153). Dan japplika ukoll għal dikjarazzjonijiet li jagħmlu terzi dwar x'suppost kienet l-intenzjoni tal-konvenut (Dok. AM 14);

Inoltre, iż-żmien li fih suppost il-konvenut stabbilixxa l-intenzjoni tiegħu li jibdel id-domiċilju tiegħu (ħames xhur) hu qasir wisq biex il-Qorti tista' tikkonkludi li l-konvenut ipprova li hu kellu l-intenzjoni li jgħix permanentement l-Isvizzera u jabbanduna d-domiċilju ta' l-oriġini;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi dwar l-ewwel talba attriċi billi tiddikjara li għalkemm id-divorzju ngħata minn Qorti kompetenti, dan id-digriet ta' divorzju li l-konvenut Anthony Mamo ottjena mill-Isvizzera, ma jistax jiġi rreġistrat f'Malta għar-raġunijiet fuq imsemmija, konsegwentement tordna l-kanċellament opportun tan-nota marġinali fl-Att taż-Żwieġ tal-kontendenti konjuġi Mamo li jġib in-numru progressiv 307/84;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku kontra l-konvenut Anthony Mamo";

Il-konvenut Mamo appella minn din is-sentenza li biha ħass ruħu aggravat. Għandu aggravju kemm fir-rigward tad-deċiżjoni fil-meritu kif ukoll rigward tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż;

L-appellant jissottometti fl-ewwel lok illi "ir-rikonoxximent (*sottolinear ta' din il-Qorti*) ta' l-istat domiċiljarju o meno safejn si tratta l-Att taż-Żwieġ 1975, huwa mħolli f'idejn ir-Reġistratur taż-Żwiġijiet u fl-eżerċizzju tiegħu dan huwa att amministrattiv". Ħlief jekk jiġi ppruvat li l-att amministrattiv ikun doluż, diskriminatorju jew irraġonevoli, l-eżerċizzju diskrezzjonali taħt dan l-Att ma jistax jiġi meħud minn idejn dak il-funzjonarju li lilu hu fdat b'dak l-Att. *Jissottometti allura illi* "l-apprezzament tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma jistax jiġi disturbat";

Il-Qorti tqis is-segwenti f'dan ir-rigward:

Dan l-aggravju jimporta eżami ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255) u l-mod kif dan kellu jiġi interpretat u applikat;

*Ċertament id-determinazzjoni ta' l-elementi li* jikkomprendu l-konċett ta' domiċilju skond il-liġi maltija hi materja skwiżitament ta' dritt u l-applikazzjoni ta' dak il-konċett kif identifikat għall-fatti ppruvati tal-każ timporta ukoll applikazzjoni ta' liġi. Żgur li ma jistgħux jitqiesu materji li jistgħu jiġu risolti billi jitħallew fl-arbitriju ta' xi awtorità jew fl-apprezzament tagħha;

L-applikazzjoni rigoruża ta' prinċipji ta' dritt per definizzjoni ma tippermettix fiha nfisha apprezzament. Li jfisser illi jekk isir tali apprezzament li jkun jimporta interpretazzjoni u

applikazzjoni żbaljata ta' dritt minn xi awtorità, dan mhux biss jista' imma għandu jiġi disturbat mill-Qrati li għandhom proprju l-kompetenza li jiddefinixxu x'inhu l-istat ta' dritt li jirregola l-jeddijiet taċ-ċittadini;

L-appellant qed jikkontesta l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tiddetermina jekk kinux jissussistu r-rekwiżiti li trid il-liġi għar-reġistrazzjoni tas-sentenza ta' divorzju estera li ottjena l-konvenut Mamo. Jippretendi li f'dan il-każ il-kompetenza tagħha ma tistax tmur oltre dik mogħtija lilha bil-liġi f'każ ta' *review* ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet amministrattivi. Dan hu għal kollox skorrett. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rinfaċċjat b'talba biex jirreġistra sentenza ta' Qorti estera li tirrigwarda l-istat ċivili ma jiddeċidi xejn. Jespleta biss funzjoni lilu mogħtija bil-liġi li fl-artikolu 295 tal-Kodiċi Ċivili timponi fuqu l-obbligu - fir-rigward ta' żwiġijiet - illi: "kull sentenza jew deċiżjoni oħra mogħtija minn Qorti kompetenti li biha żwieġ reġistrat ikun annullat jew ikun milqut bi stat li jirriżulta minnu għandha, fuq it-talba ta' kull persuna, tiġi reġistrata b'annotazzjoni fil-marġini tar-Reġistru";

Obbligu li hu limitat għar-reġistrazzjoni tas-sentenza jew deċiżjoni ta' Qorti estera li timplika li r-Reġistratur kellu jkun sodisfatt prinċipalment u fuq kollox mill-awtentiċità ta' dik is-sentenza jew deċiżjoni. Ma kienx mistenni minnu u ma kellu jagħti l-ebda ġudizzju dwar il-kontenut tagħha jew jekk din kinitx jew le tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar iż-Żwieġ fir-rigward tar-rikonoxximent ta' dik is-sentenza bħala applikabbli għall-finijiet kollha tal-liġi ta' Malta fir-rigward ta' l-istat ċivili tal-persuni li dak l-att kien jinteressa. Il-fatt li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-eżerċizzju tal-funzjoni tiegħu qua Reġistratur jagħmel eżami *prima facie* biex jistabbilixxi jekk tali reġistrazzjoni mitluba kinitx utili jew frivola, u jekk allura kienx, mill-kontenut tas-sentenza jew deċiżjoni, jidher li l-konvenut *prima facie* kien jissodisfa l-Att tal-Liġi dwar iż-

Żwieġ, bl-ebda mod ma kien ifisser li hu kien qed jgħaddi xi ġudizzju dwar il-kontenut ta' dik is-sentenza. Infatti d-Direttur hu obbligat, stabbilit l-awtentiċità tagħha, li jirreġistra dik is-sentenza fuq it-talba ta' kull persuna allura anke jekk din ma kinitx parti fiż-żwieġ. Konsiderazzjoni din li tissottolinea li r-reġistrazzjoni kienet biss att materjali ta' konservazzjoni li ma kienx meħtieġ li jsir in kontestazzjoni tal-persuni direttament interessati u ċjoè tal-kontraenti fiż-żwieġ. Hu veru li r-reġistri u l-estratti minnhom (allura inkluża kull annotazzjoni li tirreġistra s-sentenza jew deċiżjoni ta' Qorti estera li tolqot l-istat taż-żwieġ) iffirmati mid-Direttur huma prova ta' dak li jkun fihom, imma dan ikun hekk biss sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju (artikolu 252 tal-Kodiċi Ċivili);

Dan kollu jfisser illi filwaqt li hu ċar - kif sewwa ssottomettiet l-appellata illi r-reġistrazzjoni ma kinitx ekwipollenti mar-rikonoxximent u filwaqt li hu ċar ukoll illi r-reġistrazzjoni mid-Direttur kienet dovuta li ssir proprju għaliex il-liġi kienet tikkonferixxi rikonoxximent lil dawk is-sentenzi u deċiżjonijiet ta' qrati esteri, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, ma kinitx ir-reġistrazzjoni li kienet tilleġittima dan ir-rikonoxximent. Din ir-reġistrazzjoni kienet biss tissiġilla l-kostatazzjoni li dawn il-ġudikati kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 21 tal-Liġi dwar iż-Żwieġ. U f'każ li jkun hemm - kif kien hemm f'dan il-każ - kontestazzjoni dwar dan, hu ovvju li ħadd ħlief il-Qrati ordinarji ma kellhom il-ġurisdizzjoni li jiddeterminaw tali vertenza. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kien tenut li jaċċetta d-deċiżjoni tal-Qrati u kellu jikkonforma r-reġistrazzjoni li hu jkun għamel skond kif finalment deċiż minn dawn il-Qrati;

Ġustament allura l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrimetta ruħu f'din l-istanza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti. Dan l-aggravju qed jiġi għalhekk respint;

L-appellant jilmenta fil-meritu illi l-Ewwel Qorti applikat ħażin il-fatti li wassluha għad-deċiżjoni tagħha dwar fejn kien domiċiljat fil-mument meta ngħatat is-sentenza estera li talab ir-reġistrazzjoni tagħha. Isostni li żbaljatament l-Ewwel Qorti kkunsidrat *lill-appellant li kien* stazzjonat barra minn *Malta* fix-xogħol tiegħu bħala li kien kostrett li hekk jagħmel kontra l-volontà tiegħu u bħala xi ħaġa li kienet barra mill-kontroll tiegħu. "L-appellant ma kienx qed jesegwixxi lavuri forzati, iżda kien qed jagħmel dak ix-xogħol għaliex kien jogħġbu". L-appellant isostni illi "l-animu (tiegħu) ma setax kien aktar kommess lejn ħajja permanenti barra minn Malta, għaliex kien dan il-fattur li kien ġab il-firda bejnu u bejn martu". L-appellant isostni ukoll li dan l-animu tiegħu kien jidher anke mill-fatt li hu kien irrinunzja mix-xogħol tiegħu ma' l-Air Malta meta ra li kien hemm possibilità li jerġa' jissejjaħ Malta. Hu kien applika u ottjena permess permanenti għax-xogħol ġewwa l-Isvizzera u kien intitolat għall-istess drittijiet għas-sigurtà soċjali bħal kull ċittadin Svizzeru. Il-Qorti ta' dak il-pajjiż irrikonoxxietu bħala domiċiljat l-Isvizzera;

Rilevanti dan l-insenjament dwar kif jiġi determinat kif persuna setgħet takkwista d-domiċilju ta' pajjiż esteru u meta allura setgħet titqies li kienet hemm domiċiljata u mhux f'Malta;

"Biex jista' jingħad li persuna biddlet id-domiċilju ta' l-oriġini tagħha ma kienx biżżejjed il-qagħad twil f'pajjiż ieħor barrani għall-motiv ta' kummerċ jew ta' xogħol, anke jekk tkun ħadet magħha l-familja, imma jeħtieġ li jirriżulta bi provi preċiżi u konkludenti li hija ma kellha ebda intenzjoni li tirritorna Malta. Anzi lanqas kien biżżejjed li persuna tkun akkwistat id-domiċilju ta' pajjiż fejn tkun marret tgħix għax hu ammissibbli fit-teorija li wieħed ikollu żewġ domiċilji" (Kollez. Vol. XXIX, pt. III, p. 232, Vol. XXXVI, pt. II, p. 395, Vol. XXVI, pt. II, p. 438);

"It-tibdil tad-domiċilju għandu jkun ippruvat minn min jinvokah u jista' *jirriżulta* sew minn provi diretti, kemm minn konġetturi purchè preċiżi u konkludenti. Mhux biżżejjed it-tibdil tar-residenza iżda hija meħtieġa ukoll il-volontà u l-intenzjoni li jiġi abbandunat id-domiċilju ta' l-oriġini biex jiġi assunt domiċilju f'pajjiż ieħor, b'mod li lanqas l-emigrant ma jitlef id-domiċilju tiegħu jekk huwa jżomm l-intenzjoni li jerġa' jirritorna f'pajjiżu (Vol. XXIX, pt. I, p. 759 u XXXI, pt. I, p. 71). Din il-prova ta' l-abbandun tad-domiċilju hija ukoll *neċessarja peress li skond id-dottrina l-aktar akkwisita kif ukoll* skond il-ġurisprudenza jista' jingħata aktar minn domiċilju wieħed" (Vol. XXXVII, pt. I, p. 397);

"Id-domiċilju hu differenti mir-residenza. Din l-aħħar imsemmija hi sempliċi *factum*" (Vol. XXXVII, pt. I, p. 386). "Il-liġi Ingliża tqħodd ir-residenza waħedha bħala domiċilju biss għal fini tal-ġurisdizzjoni, għax għall-finijiet tal-liġi *personali, barra mir-residenza teħtieġ il-prova ta' l-animus manendi et non redeundi*" (Vol. XXIX, pt. II, p. 520). "*It is a well known principle in Private International Law that the domicile of origin is not changed merely in consequence of residence abroad in connection with public service*" (Vol. XXIX, pt. II, p. 1036, Vol. XXIX, pt. II, p. 942);

"L-ewwelnett għandu jingħad li hemm presunzjoni favur *il-kontinwazzjoni ta' domiċilju eżistenti ... b'mod li l-oneri tal-*prova ta' kambjament ta' domiċilju (fil-każ in ispeċje għal dak Malti) jiggrava dejjem fuq min jallega l-bidla (fil-każ in eżami l-konvenut appellant), u Cheshire jgħid: "*the presumption may have a decisive effect, for if the evidence is so conflicting or indeterminate that it is impossible to elicit with certainty what the resident's intention is, the court will decide in favour of the existing domicile*" (Private International Law, 9th edition, 1974, p. 168). Għalhekk biex tiġi skalzata l-imsemmija presunzjoni jeħtieġ li l-konvenut *nomine* jippruvaw *on a balance of*

*probabilities* (li hu l-istandard ta' prova rikjest) li din il-bidla ta' domiċilju fil-fatt ġrat" (**Saviour Chircop** ***et vs*** **Avukat Dr. Renè Frendo Randon** ***nomine***, deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 1979);

Applikat dan l-insenjament, li miegħu din il-Qorti hi konkordi għall-fatti taħt eżami, l-aggravju ta' l-appellant ma jistax ireġi. Din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti, ma tirraviżax fil-komportament ta' l-appellant dik l-intenzjoni speċifika u univoka li hu ried jaqta' l-legami kollha li kellu mad-domiċilju ta' l-oriġini tiegħu sal-punt li hu ma kellu l-ebda intenzjoni li hemm qatt jirritorna. L-*animus non redeundi* ma jimportax li min jagħmel tali deċiżjoni qatt ma jżur il-pajjiż tad-domiċilju ta' oriġini li hu jkun qed jabbanduna. Jimporta però l-esklużjoni ta' l-intenzjoni li qatt hemm jirritorna biex hemm jagħmel ir-residenza tiegħu permanenti u hemm jaħdem ad esklużjoni ta' kull domiċilju ieħor. Din il-prova preċiża u konklużiva, fil-każ in eżami, ma tirriżultax. Almenu *on a balance of probabilities*. Jirriżultaw se mai għall-kuntrarju, indizji li jeskluduha. Dawn jinkludu l-fatt li ż-żmien li fih il-konvenut appellant suppost li ddeċieda li jabbanduna d-domiċilju ta' oriġini tiegħu kien qasir ferm u l-fatt li sussegwentement il-konvenut, għal raġuni jew oħra, spiċċa biex wara ftit sab impjieg permanenti fil-pajjiż ta' l-oriġini li suppost kien abbanduna d-domiċilju tiegħu, naturalment wara li kien ottjena s-sentenza ta' divorzju. Anke l-fatt li l-appellant kien intenzjonat li jerġa' jiżżewweġ persuna ta' ċittadinanza Maltija għandu ukoll ikollha valur probatizju f'dan ir-rigward, kif għandhom ukoll il-kuntatti li, tajjeb jew ħażin, baqa' iżomm l-appellant fil-pajjiż tad-domiċilju ta' oriġini tiegħu anke fit-tfittxija għall-opportunitajiet ta' xogħol u dana matul iż-żmien bejn meta applika għad-divorzju u meta ġiet ippronunzjata s-sentenza li tagħha qed tintalab reġistrazzjoni;

Dawn iċ-ċirkostanzi u oħrajn li ġew sewwa evalwati fis-

sentenza appellata ma jikkonvinċux lil din il-Qorti illi l-abandun tad-domiċilju ta' oriġini favur dak Svizzeru da parti ta' l-appellant, ma kienx biss pretest proprju biex tiġi assigurata l-possibilità tar-reġistrazzjoni tas-sentenza ta' divorzju billi jiġi ppruvat li ġie sodisfatt r-rekwiżit ta' l-Att 21 ta' l-Att dwar iż-Żwieġ. Sakemm jippersisti dan id-dubbju, ġenerat l-aktar min-nuqqas ta' provi preċiżi u univoċi da parti ta' l-appellant, u sa ċertu punt mill-komportament ekwivoku tiegħu, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti u li wasslitha għall-konvinċiment li ma jirriżultalhiex ippruvat li l-konvenut kellu l-intenzjoni li jallontana ruħu permanentement barra minn Malta. Din il-Qorti żżid u bl-intenzjoni li hawn ma jirritornax;

Dan l-aggravju qed jiġi għalhekk respint;

Finalment, din il-Qorti tikkunsidra l-ilment li għandu l-appellant fir-rigward tad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar jekk is-sentenza estera li tagħha ntalbet ir-reġistrazzjoni kinitx proċeduralment irritwali u jissottometti li mhux minnu li l-appellata ma kellhiex l-opportunità li tiddefendi ruħha f'dawk il-proċeduri. L-appellant jissottometti li kien hemm żmien biżżejjed sabiex l-appellata twieġeb għat-talba tad-divorzju, iżda din lanqas biss għamlet tentattiv li tikkontesta l-istess. Żgur allura li ma kienx it-tort ta' l-appellant li din baqgħet mingħajr informazzjoni, iżda bl-aġir tagħha stess l-appellata uriet in-nuqqas ta' interess li issa qed tipprova tinkolpa biha lill-appellant;

Din il-Qorti hi tal-fehma li wara li kkostatat illi fil-meritu l-aggravju ta' l-appellant ma jirriżultax fondat u konsegwentement ma jirriżultawx sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-Att 21 tal-Liġi dwar iż-Żwieġ, ma jidhirx il-każ li hi tinoltra ruħha f'diskussjoni dwar dan l-aggravju proċedurali. Ser tillimita

ruħha għalhekk billi tinnota s-segwenti:

Il-kontestazzjoni ta' l-appellata hi li l-provi juru li hi ma kinitx ġiet innotifikata regolarment bl-atti proċesswali inizjati minn żewġha fl-Isvizzera. Dan ifisser illi l-fatt ta' notifika tardiva li ġiet ippruvata fl-atti kellha neċessarjament twassal għall-konklużjoni li n-notifika lill-appellata ma kinitx waħda regolari, kif sewwa iddeċidiet l-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward huma rilevanti s-sentenzi ċċitati mill-appellata fir-risposta tagħha, u ċjoè dik mogħtija minn din il-Qorti, Sede Kummerċjali, fid-9 ta' Mejju, 1994 in re **Dottor Alfred Grech** ***nomine vs*** **Charles Spiteri**, u dik riportata fil-Vol. XXVII, pt. I, p. 868;

Hi ukoll rilevanti s-sottomissjoni ta' l-appellata li "biex l-awtorità estera jkollha notifika regolari taċ-ċitazzjoni trid tkun uniformat ruħha mal-liġi viġenti fil-pajjiż fejn dik in-notifika għandha tiġi esegwita" (**Salvatore Camilleri** ***vs*** **Spiridione Mizzi** (Kummerċ, 25 ta' Novembru, 1952 u **Av. Dr. Michael Refalo** ***noe vs*** **Captain Paul Bugeja**, App. Ċiv. 13 ta' Diċembru, 1963);

Sewwa jingħad li apparti din il-kontestazzjoni li l-appellata kellha kull dritt tagħmel biex taċċerta ruħha mir-ritwalità tal-proċeduri inizjati u kondotti kontra tagħha fil-foro esteru, ma hemm xejn fil-liġi li jimponi fuq persuna ċitata mill-Qorti estera biex tidher quddiemha u tissottometti ruħha għall-ġurisdizzjoni tagħha. Infatti, l-appellata kellha kull jedd illi tirrifjuta li tissottometti ruħha għal dik il-ġurisdizzjoni u tirriserva d-drittijiet tagħha, jekk hekk jidhrilha li kien fl-interess tagħha li tagħmel. Ma jistax allura l-appellant jakkwista vantaġġ minn din iċ-ċirkostanza. Għaliex l-appellata martu, filwaqt li ma kellha l-ebda obbligu li tittanta tikkontesta l-istanza li hu ntavola f'Qorti estera kontra tagħha, bl-ebda mod

ma ppreġudikat id-dritt tagħha li titlob lil din il-Qorti li tissindika r-regolarità tal-proċeduri kontra tagħha bħala li jiddifettu mir-rekwiżiti għat-talba tar-reġistrazzjoni tas-sentenza estera fir-Reġistru Pubbliku Malti. L-ilment ta' l-appellant anke f'dan ir-rigward proċedurali hu għal din ir-raġuni, u anke għar-raġunijiet dedotti fis-sentenza appellata, insostenibbli;

Jibqa' x'jiġi kkunsidrat l-ilment ta' l-appellant dwar l-ispejjeż;

Dan hu fis-sens illi billi s-sentenza appellata ma laqgħetx l-ewwel talba attriċi għal dikjarazzjoni li d-digriet tal-Qorti estera ma kienx konformi la mal-liġi Svizzera u aktar u aktar ma' dik Maltija, l-ispejjeż għal dik it-talba ma messhomx tħallew a karigu tiegħu. Ilmenta ukoll li lanqas għandu jħallas l-ispejjeż tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku billi hu kien applika in bona fede lilu għar-reġistrazzjoni ta' l-istat tiegħu bħala divorzjat, u kien se mai jinkombi fuq l-istess Direttur biex jindaga aktar fil-fond. Billi ma ġiex ippruvat illi b'xi mod hu kien żvija lill-awtorità b'xi informazzjoni falza, u li l-informazzjoni kollha kienet disponibbli għad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kien dan id-Direttur li kellu jiġi tenut responsabbli għall-ispejjeż tiegħu stess billi kien għamel apprezzament żbaljat;

Anke dan l-aggravju ma jirriżultax ġustifikat. Infatti, fir-rigward ta' l-ispejjeż tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ssir referenza għal dak li jingħad dwar il-funzjoni tiegħu fir-reġistrazzjoni ta' sentenza estera li timmodifika l-istat ta' żwieġ minn kif jirriżulta reġistrat fl-att taż-żwieġ. Funzjoni li bl-ebda mod ma timplika da parti tad-Direttur deċiżjoni dwar jekk iċ-ċirkostanzi kinux tali li appellant setax jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar iż-Żwieġ. Fir-rigward ta' l-ewwel

talba hu veru li s-sentenza appellata ddeċidiet illi d-digriet tad-divorzju ingħata minn Qorti kompetenti, però hu minnu ukoll illi fl-istess sentenza ġie deċiż li l-proċediment quddiem dik il-Qorti ma kienx ritwali billi l-attriċi appellata ma kinitx ġiet notifikata regolarment bih biex tkun tista' tiddefendi ruħha fil-proċeduri esteri. Dan ifisser li mhux korrett li wieħed jgħid li l-ewwel talba attriċi kienet ġiet miċħuda fis-sens sottomess mill-appellant. Anke dan l-ilment allura ma jirriżultax sostenibbli;

Għal dawn il-motivi, u għall-motivi l-oħra dedotti fis-sentenza appellata li din il-Qorti tikkondividi, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.